MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 17/K6/2009 |
| Data: | It-Tlieta, 27 ta' Lulju 2010 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Vici Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviz li gie ppublikat nhar it-Tnejn, 12 ta' Lulju 2010. L-Agenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 15/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mil-Kumitat Amministrattiv Swatar
5. *Public Private Partnership Resurfacing* ta' Toroq fl-Imsida.
6. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
8. Affarijiet ohra jekk urgenti.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

**Seduta Nru 16/K6/2009**

**Punt 4 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar**

623. Is-Segretarju spjega is-sistema li biha jigi finanzjat il-Kumitat.

E Brincat ferah lil membri tal-Kumitat filwaqt li ressaq lill-Kunsill biex jigi xolt is-Sotto-Kumitat ghas-Swatar li huwa kien Cermen tieghu. Il-Kunsill qabel.

**Punt 5 *Public Private Partnership Resurfacing* ta' Toroq fl-Imsida.**

624. Is-Sindku qal illi l-offerti ta' tenders gew ferm ghola milli mistenni skond l-istima mghamula mil-Perit. Is-Sindku prezenta il-lista ta' prezijiet tal-offerti. L-irhas offerta hija ta' €40,000 aktar mill-istima li ghandu il-Kunsill.

Is-Segretarju qal li l-Kunsill jista jaffordja xi wahda mill-irhas tlett offerti, izda billi jinbidlu it-termini tal-hlas u li ix-xoghol isir fis-sena 2011 u mhux 2010.

Il-Kunsill qabel li l-process ghandu jkun kif gej:

a) Tinkiteb ittra lid-Direttur biex nispjegaw is-sitwazjoni u naraw il-possibilta li d-Dipartiment izid l-ghajnuna finanzjarja tieghu la darba l-offerti gew ghola milli mistenni
b) Jikteb lill-Kuntratturi sabiex jghatu konferma bil-miktub li ser izommu l-istess rati tal-offerti ghas-sena 2011
c) Jitkellem mal-irhas zewg offerti dwar it-termini tal-pagament.

Ghaldaqstant, sal-laqgha li jmiss, inkunu mexxejna fuq il-punt preliminari numru (a).

**Punt 7 Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.**

625. **Kumitat Relazjonijiet Intergovernattivi** – M Agius qal illi l-laqgha mal-Ministru Cristina kellu jimxi peress illi ghal-ewwel laqgha kemm is-Sindku u s-Segretarju ma setghux jattendu minhabba il-laqgha tal-Kumitat tas-Swatar. M Agius qal li ser jerga isir tentattiv ghal laqgha u li d-data ser tigi ikkomunikata bl-email.

626. **Kumitat Infrastruttura** – E Brincat qal illi Transport Malta tablet modifiki fit-traffic management propost ghal Triq Victor Denaro, u li dawn saru minghajr dewmien mil-Perit. Din il-pjanta giet approvata fil-principju min Transport Malta. Issa li jmiss wara li nircievu il-konferma bil-miktub, il-Kunsill japlika ghal DNO mal-MEPA, umbghad japlika ghal fondi tal-UIF sabiex jigi finanzjat il-progett.

627. **Kumitat Offerti Publici** – Il-Kunsill iddiskuta l-offerti li gew mghotija. L-oferti huma ta':
- A Pace - €4.90
- A Galea - €5.00

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Il-Kunsill qabel li la darba id-differenza hija wahda minima ta biss €0.10, il-Kunsill ma ghandux jirriskja l-efficjenza tajba tal-kuntrattur prezenti. Il-Kunsill ghaldaqstant approva li tintghazel l-offerta ta' A Galea ghal kuntratt ta' gbir ta' skart goff fl-Imsida.

**Punt 8 Affarijiet ohra jekk Urgenti**

628. Dott. Grima qal li ghandna nergghu nwehhlu l-Bozza li dejjem kien hemm fuq is-*showroom* ta' Arcidiacono u nitolbu l-assistenza tal-Pulizija biex isir dan.

629. Is-Sindku ressaq biex il-Kunsill jitlob formalment lill-ADT liema huma it-toroq fl-Imsida li gew mhabbra li ser isiru minn Transport Malta.

630. Is-Sindku qal li l-Ghajn tal-Hassellin mimlija hmieg, u li ghaldaqstant kellem rapprezentanti mill-MRRA u Water Services Corporation biex inadfuha. Il-Kunsill qabel li niktbu ghal dan il-ghan formalment, b'kopja lil Malta Heritage u Lands Department, peress li dan il-Monument huwa taht jurisdizjoni taghhom.

631. Is-Sindku ressaq biex tehel bollard fi Triq Bordin, minhabba li tal-linja qeghdin jirkbu fuq il-bankina meta jduru.

632. Is-Sindku propona biex titressaq il-Bring in Site ta' fejn il-Gibjun. Il-Kunsill ma qabilx. Il-Kunsill qabel li jitqieghed green warden f'din iz-zona.

633. C Selvaggi semma xi lmenti li rcieva dwar il-knis fil-lokalita. Il-Kunsill qabel li jghamel laqgha mal-kuntrattur fuq din il-materja.

634. C Selvaggi qal li ghandu jsir tindif ahjar mil-ELC fil-gnien tas-Swatar u lli ghandom jehlu tabelli ta' 'monitoring' f'areas fejn jintrema l-iskart illegalment.

635. C Selvaggi qal li ghandu isir il-Bus Stage fi Triq Principessa Margerita u bank ghal l-istage ta' fjen il-Melita (hdejn l-Universita).

636. Dott. Grima qal li ghandna nkellmu l-ELC ghax it-tisqija mhux tkun regolari bizzejjed.

637. Dwar l-attivita ta' Ghana li saret fejn l-Ghajn tal-Hassellin, Dott. Grima qal li s-Sindku kien cempillu u qallu lid in ser issir b'xejn. Dott. Grima talab lis-Sindku biex jikjarifika. Is-Sindku ikkonferma li din l-attivita b'xejn u kull ma hareg il-Kunsill kien ghal spejjes ta' *portable toilet* ghal dak il-lejl.

M Agius qal li waqt l-attivita f'Xatt l-Imsida konn aiddecidejna fuq l-ghannejja. M Agius kien saqsa kemm jiswew, u s-Segretarju kien wiegeb li fis-sena 2009, l-attivita ta' Ghana organizzata mil-Kunsill fil-Klabb tal-Bocci kienet tiswa €1100, inkluz il-kirja ta' sound u palk. M Aguis fil-Kumitat ma kienx qabel ma dan, peress li b'dak il-prezz setgha isir xi haga isbah milli ghana.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

M Agius qal li umbghad sar jaf li ser issir din l-attivita b'xejn. Hu qal lid in mhux vera b'xejn, ghax biex jithallsu €1100, jidher li parti min nuqqas ta' *performance* fil-festival f'Xatt l-Imsida ser tigi koperta b'din l-attivita ta' fejn l-Ghajn.

Is-Sindku qal li l-Kumitat kien qallu biex iqabbad lil persuna u tawh budget ta' €1100. Meta is-Segretarju informa lis-Sindku li l-Kumitat ma kienx umbghad qabel fuq l-ghannejja, s-Sindku qal li l-kuntatt tieghu mal-ghannejja kien diga hallashom *deposit*.

C Selvaggi saqsa lid in is-sena swiet €1100 bla pal u sound? Is-Sindku ikkonferma fil-pozittiv, avolja l-invoice ghada ma tressqitx ghall-approvazjoni u ghaldaqstant il-hlas ghadu ma sarx.

Dott. Grima qal li €1100 huwa wisq. M Agius qal li s-Sindku qed jghid li kien hemm *misunderstanding* bejn il-Kumitat Organizzativ u hu. Imma dan mhux minnu. M Baldacchino qalet li malli innutajna li kien hemm *misunderstanding*, kien wisq tard peress li dan il-persuna kien ta' d-*deposit*.

Dott. Grima qla li l-affarijiet iridu jigu pjanati u approvati min qabel fil-laqgha tal-Kunsill u Kumitati rispettivi. C Selvaggi qal ukoll li jaqbel mal-proposta ta' E Brincat li isir pjan ta' sena fuq l-attivitajiet li ser isiru min qabel.

638. Is-Sindku qal li hemm xi madum fuq il-bankina tax-Xatt li ghandu jisewwa, hekk kif ukoll xi madum quddiem il-muzew.

639. E Abela qal li tkissru zewg bollards fejn il-hanut tal-laham f'Church Street, u biex dawn jergghu isiru.

640. M Agius propona li sajjieda li qed jiprovaw jorganizzaw kumitat bejniethom ikunu jistghu jiltaqghu fl-Ufficini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel fil-principju. Is-Segretarju qal li importanti li jkun hawn raprezentant tal-Kunsill maghhom u mhux jithallew wahedhom.

641. M Aguis qal li ghanda issir applikazjoni ghal bus shelter fuq l-istage ta' Msida Seafront; biex jigi mressaq Un/Loading bay ta' Triq Princess Margaret fin-nofs tal-parking area; tinkiteb ittra lil Transport Malta biex issir zebra crossing mil-hanut Sphinx sal-Universita.

642. M Baldacchino qalet li fi Triq il-Harrub hemm ammont ta' zibel wara ic-cint. Biex isiru floodlights fil-gnien tal-bandli, u tkelmet dwar il-problema ta' timed parking fi Triq Testaferrata f'Ta' Xbiex. Hija qalet ukoll li l-wardens mhux jitilghu fi Triq il-Gostra, Swatar.

643. Il-laqgha ntemmet. Hin: 19.44

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Approvati llum ________________________________________

| | |
|---|---|
| Nutar Clifton Grima | Matthew Dimech |
| Sindku | Segretarju E\ekuttiv |



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com